MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Numru 1191/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Keith Arnaud**
**Spettur Gabriel Micallef**

**vs**

**Matthew Borg**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Matthew Borg ta’ 20 sena, iben Anthony u Karen Mary nee’ Flattery, imwieled Haz-Zebbug (Malta) nhar l-10 ta’ Dicembru 1990, residenti gewwa El Shaddai Court, Flat 1, Triq Anglu Gatt, Mosta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 5891(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

B'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Nhar l-20 ta' Awwissu 2011, f'xi hin matul il-gurnata, minn gewwa kamra numru 166 tal-lukanda Qawra Inn, li hi ukoll maghrufa bhala il-Palm Court Hotel, u li tinsab fi Triq it-Tamar, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq aggravat ta' flus, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur, liema valur tal-haga misruqa jeccedi l- mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u dan ghad-detriment ta' Elena Selivanova minn Spanja u/jew persuna jew persuni ohra;

2. Nhar it-08 ta' Settembru 2011, xi hin wara nofs inhar, minn gewwa kamra numru 115 tal-lukanda Canifor li tinsab fi Triq in-Nakkri San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq aggravat ta' flus, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur, liema valur tal-haga misruqa jeccedi l- mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u dan ghad-detriment ta' Mary Ann Mc Crae Campbell Linsdsay mill-Ingilterra u/jew persuna jew persuni ohra;

3. Nhar id-09 ta' Settembru 2011, xi hin wara nofs inhar, minn gewwa kamra numru 6604 tal-lukanda The Bugibba Hotel, li hi maghrufa ukoll bhala Bugibba Holiday Complex u li tinsab fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq aggravat ta' flus, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur, liema valur tal-haga misruqa jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u dan ghad-detriment ta' Alla Peyzova mill-Ukraina u/jew persuna jew persuni ohra;

4. Bejn is-07 u 08 ta' Ottubru 2011, minn gewwa kamra numru 124 tal-lukanda Canifor li tinsab fi Triq in-Nakkri San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq aggravat ta' flus,

liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur, liema valur tal-haga misruqa jeccedi l- mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u dan ghad-detriment ta' Margaret Birrell mill-Ingilterra u/jew persuna jew persuni ohra;

5. Nhar it-22 ta' Ottubru 2011, f'xi hin wara nofs inhar, minn gewwa kamra numru 326 tal-lukanda Canifor li tinsab fi Triq in-Nakkri San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq aggravat ta' flus, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur, liema valur tal-haga misruqa jeccedi l- mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u dan ghad-detriment ta' Evelyn Yuliana Renteria Romeo mill-Ingilterra u/jew persuna jew persuni ohra;

6. Bejn il-21 u t-22 ta' Ottubru 2011, xi hin matul il-gurnata, minn gewwa kamra numru 510 tal-lukanda The Bugibba Hotel, li hi maghrufa ukoll bhala Bugibba Holiday Complex u li tinsab fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq aggravat ta' flus, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur, liema valur tal-haga misruqa jeccedi l- mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u dan ghad-detriment ta' Edward Vaughan Lindsay mill-Ingilterra u/jew persuna jew persuni ohra;

7. Nhar il-25 ta' Otturbu 2011, ghall-habta tas-14:15 ta' wara nofs inhar, flimkien ma' persuna ohra, minn gewwa kamra numru 308 tal-lukanda Porto Azzurro Resort li tinsab fi Triq ir-Risott, il-Bajja tax-Xemxija, San Pawl il-Bahar, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi ittanta li jikkommetti serq minn gewwa l-istess kamra, liema delitt li kieku sehh kien ikun serq aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija

u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u dan ghad-detriment ta' Ronald Andrew Shankland mill-Ingilterra u/jew persuna jew persuni ohra;

8. U aktar talli bejn Awwissu u Ottubru 2011 xjentement f'Malta laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti,
Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar is-27 ta' Ottubru 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet, ikkunsidrat l-fatt li ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u kkunsidrat ukoll il-fatt li accetta li jixhed fil-konfronti ta' terzi in konnessjoni ma investigazzjoni ohra.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 263, 278, 279, 334 u 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Matthew Borg hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sentejn(2) millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tqieghed lill-imputat taht Ordni ta'

Supervizjoni skond id-digriet hawn anness ghall-perjodu ta’ sentejn(2) millum.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta’ dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------